



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 23 ta' April 2021
(OR. en)

7683/21

Fajl Interistituzzjonali:
2020/0355 (NLE)

ENV 209
ENT 62
ONU 36

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: Proposta tal-Unjoni Ewropew għal deċiżjoni tal-Korp Eżekuttiv tal-Konvenzjoni dwar it-Tniġġis Transkonfini tal-Arja f'Distanza Twila: il-metodoloġija għall-aġġornamenti għat-tabelli 2 sa 6 tal-Anness II għall-Protokoll għat-Tnaqqis tal-Aċidifikazzjoni, l-Ewtrofikazzjoni u l-Ożonu Troposferiku għall-Konvenzjoni dwar it-Tniġġis Transkonfini tal-Arja f'Distanza Twila (il-"Protokoll ta' Gothenburg"), kif emendat fl-4 ta' Mejju 2012, biex jitqiesu l-bidliet fis-sħubija tal-Unjoni Ewropea.

PROPOSTA TAL-UNJONI EWROPEW GĦAL DEĊIŻJONI TAL-KORP EŻEKUTTIV
TAL-KONVENZJONI DWAR IT-TNIĠĠIS TRANSKONFINI TAL-ARJA
F'DISTANZA TWILA: IL-METODOLOĠIJA GĦALL-AĠĠORNAMENTI GĦAT-TABELLI 2
SA 6 TAL-ANNESS II GĦALL-PROTOKOLL GĦAT-TNAQQIS TAL-AĊIDIFIKAZZJONI,
L-EWTROFIKAZZJONI U L-OŻONU TROPOSFERIKU GĦALL-KONVENZJONI
DWAR IT-TNIĠĠIS TRANSKONFINI TAL-ARJA F'DISTANZA TWILA
(IL-"PROTOKOLL TA' GOTHENBURG"), KIF EMENDAT FL-4 TA MEJJU 2012,
BIEX JITQIESU L-BIDLIET FIS-SĦUBIJA TAL-UNJONI EWROPEA.

Abbozz ta' deċiżjoni dwar l-aġġornament tal-linja bażi tal-emissjonijiet u l-impenji għat-tnaqqis tal-emissjonijiet għal kull inkwinant tal-Unjoni Ewropea stabbiliti fit-tabelli 2 sa 6 tal-Anness II għall-Protokoll ta' Gothenburg, kif emendat fl-2012, biex jitqiesu bidliet fis-sħubija fl-Unjoni Ewropea

IL-KORP EŻEKUTTIV,

Filwaqt li jikkunsidra li bidliet fis-sħubija tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li jkunu riflessi fil-linja bażi tal-emissjonijiet tagħha u l-impenji tagħha għat-tnaqqis tal-emissjonijiet għal kull inkwinant stabbiliti fit-tabelli 2 sa 6 tal-Anness II għall-Protokoll għat-Tnaqqis tal-Aċidifikazzjoni, l-Ewtrofikazzjoni u l-Ożonu Troposferiku (il-"Protokoll ta' Gothenburg"), kif emendat fl-2012,

Filwaqt li jinnota li jeħtieġ li tiġi stabbilita metodoloġija għall-aġġornament tal-linja bażi tal-emissjonijiet u l-impenji għat-tnaqqis tal-emissjonijiet għal kull inkwinant, ibbażata esklussivament fuq kalkolu matematiku bl-użu biss ta' informazzjoni li diġà huma elenkati fit-tabelli 2 sa 6 tal-Anness II għall-Protokoll ta' Gothenburg, kif emendat fl-2012, biex jitqiesu l-bidliet fis-sħubija tal-Unjoni Ewropea,

Filwaqt li jfakkar fl-istedina mill-Partijiet għall-Konvenzjoni fis-36 sessjoni tal-Korp Eżekuttiv (ECE/EB.AIR/137) lill-Unjoni Ewropea biex tikkunsidra modi ta' progress fir-rigward ta' proċeduri possibbli li bihom il-limiti massimi tal-Protokoll ta' Gothenburg jistgħu jiġu aġġustati biex jirriflettu s-sħubija fl-Unjoni Ewropea; filwaqt li jinnota li l-konsiderazzjonijiet rigward il-limiti massimi tal-emissjonijiet tal-Unjoni Ewropea japplikaw ukoll għall-impenji tal-Unjoni Ewropea għat-tnaqqis tal-emissjonijiet,

Filwaqt li jilqa' d-dħul fis-seħħ tal-Protokoll ta' Gothenburg, kif emendat fl-2012, fis-7 ta' Ottubru 2019,

1. Jiddeċiedi, mingħajr preġudizzjoni għall-Artikolu 13, il-paragrafu 1 tal-Protokoll ta' Gothenburg, kif emendat fl-2012, li tiġi stabbilita metodoloġija għall-aġġornament tal-linji bażi tal-emissjonijiet u l-impenji għat-tnaqqis tal-emissjonijiet għall-2020 u lil hinn minnu għal kull inkwinant, espress f'perċentwal ta' tnaqqis mil-livelli tal-2005, it-tnejn stabbiliti għall-Unjoni Ewropea fit-tabelli 2 sa 6 tal-Anness II għall-Protokoll ta' Gothenburg, kif emendat fl-2012, fil-każ ta' bidliet fis-sħubija tal-Unjoni Ewropea, kif ġej:
- il-linja bażi tal-emissjonijiet tal-Unjoni Ewropea għal kull inkwinant, għandha tkun is-somma tal-linji bażi tal-emissjonijiet għal kull inkwinant għall-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, filwaqt li titqies kwalunkwe adeżjoni jew ħruġ mill-Unjoni Ewropea;
 - l-impenn[...] tal-Unjoni Ewropea għat-tnaqqis tal-emissjonijiet għal kull inkwinant fit-tabelli 2 sa 6 tal-Anness II għall-Protokoll ta' Gothenburg, kif emendat fl-2012, għandu jiġi kkalkulat billi (a) jiġu applikati, għal-livelli ta' emissjonijiet tal-2005 ta' kull Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, l-impenji ta' tnaqqis għall-2020 ta' dak l-Istat Membru tal-Unjoni Ewropea, li jirriżultaw fit-tnaqqis li jrid jinkiseb, f'kilotunnellati; (b) jingħadd flimkien it-tnaqqis li għandu jinkiseb għall-Istati Membri kollha tal-Unjoni Ewropea f'kilotunnellati kif ikkalkulat taħt (a); u (c) jiġi kkalkulat il-perċentwal ta' tnaqqis għall-Unjoni Ewropea billi s-somma tat-tnaqqis li għandu jinkiseb kif ikkalkulat taħt (b) tiġi diviża bis-somma tal-linji bażi tal-emissjonijiet għall-2005 ta' kull Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, f'kilotunnellati, u r-riżultat jiġi mmultiplikat b'100.

2. Jiddeċiedi li l-Unjoni Ewropea għandha tikkomunika l-linji bażi tal-emissjonijiet għall-2005 u l-impenji għat-tnaqqis tal-emissjonijiet aġġornati għal kull inkwinant, aġġornati biex jitqiesu l-bidliet fis-sħubija fl-Unjoni Ewropea abbażi tal-metodoloġija kif stabbilita fil-paragrafu 1, bil-miktub lis-Segretarju Eżekuttiv tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti, li għandu jkompli jikkomunika ċ-ċifri aġġornati, inkluż il-kalkoli korrispondenti, lill-Partijiet kollha għall-Konvenzjoni bħala informazzjoni.
-